MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 95/1997/1

**George u Juliette konjugi Attard**

**Vs**

**John Platts**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-atturi premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Peress illi  l-konvenut ippropona lill-attur George Attard li jidhol shab mieghu f'progett rigwardanti l-manifattura u assemblagg ta' computers li kellu jsir tramite kumpannija li kellha tigi kostitwita bejn il-kontendenti bl-isem "International Project Development Company" jew "IPDC" liema proposta giet accettata mill-attur a bazi ta' dikjarazzjonijiet li ghamel il-konvenut li hu kellu t-taghrif u

l-esperjenza kemm teknika kif ukoll dwar is-suq f'dan il-qasam;

Peress illi George Attard hallas lill-konvenut is-somma ta' tmint elef mija u hamsa u ghoxrin lira (Lm8,125) in konnessjoni mal-progett fuq imsemmi liema somma thallset inkwantu ghal hames mitt lira (Lm500) biex dawn jigu depozitati f'"joint account" li kellu jiftah il-konvenut sabiex suppost jithallsu spejjez in konnessjoni mal-progett (kopja ta' "statement" tal-kont bankarju tal-attur qieghda tigi annessa bhala Dok.A), in kwantu ghal mija u hamsa u ghoxrin lira (Lm125) sabiex il-konvenut suppost ihallas l-ispejjez u d-drittijiet in konnessjoni mal-formazzjoni u registrazzjoni tal-kumpannija fuq imsemmija (kopja tac-cekk annessa bhala Dok. B) u in kwantu ghal sebat elef u hames mitt lira (Lm7,500) sabiex l-attur suppost jixtri minghand il-konvenut "50% of the manufacturing and assembly rights of personal computer systems of the make Advanced Technology and Alicia Computers and Communication Systems" (skond skrittura datata 19 ta' Jannar 1993 hawn annessa bhala Dok. C);

Peress illi l-konvenut, nonostante li gie mitlub diversi drabi mill-attur George Attard, baqa' ma ta l-ebda rendikont lill-attur dwar kif utilizza dawn il-flus u lanqas qatt ma wera lill-attur l-ebda dokument la dwar il-kumpannija registrata bl-isem fuq imsemmi;

Peress illi l-kunsens tal-attur George Attard biex jippartecipa mal-konvenut fil-progett fuq imsemmi u l-hlas tas-somom imsemmija da parti tal-attur gew ottenuti b'ingann, qerq u dola da parti tal-konvenut;

Peress illi wara hafna insistenza da parti tal-attur George Attard, il-konvenut irrifonda lill-attur, fis-17 ta' Marzu 1994, is-somma ta' mija u tletin lira Maltija (lm130) fi flus kontanti izda ghalkemm gie interpellat sabiex jirrifondi r-rimanenti sebat elef, disa' mija u hamsa u disghin lira Maltija (Lm7,995) il-konvenut baqa' inadempjenti;

Talbu ghalhekk l-istess atturi lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li l-kunsens tal-attur George Attard biex jippartecipa mal-konvenut fil-progett fuq imsemmi u l-hlas ta' flus li sar mill-attur in konnessjoni mal-istess gew ottenuti b'ingann, qerq u dolo da parti tal-konvenut;

2. Tiddikjara l-ftehim li sar in konnessjoni mal-progett fuq imsemmi null u minghajr effett skond il-ligi;

3. Tiddikjara li l-progett fuq imsemmi qatt ma  sar u qatt ma jista' jsir u li konsegwentement kwalunkwe ftehim li sar in konnessjoni mal-istess jigi xjolt;

4. Tikkundanna lill-konvenut jirrifondi lura lill-atturi l-bilanc tal-flus imhallsa lilu in konnessjoni mal-progett fuq imsemmi ammontanti ghal sebat elef, disa' mija u hamsa u disghin lira Maltija (Lm7,995);

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja datata 5 ta' Novembru 1996 u bl-imghax legali;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess atturi, l-elenku tad-dokumenti minnhom esebiti u l-lista tax-xhieda indikati;

Rat id-digriet tat-2 ta' Novembru 1998 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Maria Dolores Gauci biex tigbor il-provi;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:-

L-azzjoni esperita mill-atturi hija dik kontemplata mill-Art 1222 tal-Kodici Civili ghar-rexxissjoni tal-istipulazzjoni ta' ftehim li sar bejn il-kontendenti fuq il-motiv ta' l-eghmil doluz tal-konvenut.

Effettivament l-Art 981 tal-istess Kodici jipprovdi li "l-ghemil doluz huwa motiv ta' nullita` ta' ftehim, meta l-

inganni maghmulin minn wahda mill-partijiet ikunu tali illi minghajrhom il-parti l-ohra ma kienetx tikkuntratta.”

L-Artikolu 974 imbaghad jiddisponi illi jekk jinstab li l-kunsens tal-parti jkun gie ottenut b’eghmil doluz ma jkunx jiswa.

Issa f’din il-kawza l-konvenut baqa’ kontumaci nonostante li l-att tac-citazzjoni gie notifikat lilu b’wiehed mill-modi mahsub mil-ligi procedurali.  U billi l-kontumacja ma tfisserx ammissjoni ghamlet sew il-Qorti, diversament presjeduta, li talbet li jitressqu l-provi.

Dan anke ghaliex fit-termini tal-ligi l-eghmil doluz irid jigi provat minn min jallegah (subinciz (2) ghall-Art 981).

L-attur George Attard jiddikjara illi kien gie propost lilu mill-konvenut partecipazzjoni f’kumpanija li kellha tigi ffurmata bl-intendiment li din timmanifattura u taghmel assemblagg ta’ computers.  Ghal dan il-progett u shubija azzjonarja hu hallas l-ammont komplessiv ta’ tmient elef mija u hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm8125).  Dan kif evidenzjat minn dokument esebit a fol 36 ( li ssostitwixxa dak a fol 6), fol 7 u fol 9 tal-process.

L-iskrittura impunjata, esebita a fol 8 u li ggib id-data tat-12 ta’ Jannar 1993 tispecifika dan il-ftethim u tikkwalifika l-produzzjoni u l-assemblagg tal-computers “of the make Advanced Technology and Alicia Computers and Communications Systems”.

L-attur jikkonferma li f’dak iz-zmien kien jistudja l-Kanada u l-konvenut la qatt tah sodisfazzjon tad-ditti li ghalihom jirreferi l-ftehim, la ta’ l-assi tal-kumpanija u lanqas tal-qaghda finanzjarja taghha.  Skond l-attur, il-konvenut kien jivvintalu diversi skuzi kull meta ippressah ghall-informazzjoni u ghall-accounts.  Gablu wkoll skuzi meta l-attur beda jinsisti ghal flusu lura.  Sa dan it-tant fi kliem l-attur il-konvenut “made himself scarce”. Milli jidher anke ghal kredituri ohra jew terzi li maghhom dahal f’obbligazzjoni.

Jirrizulta fuq kollox anke minn korrispondenza esebita (fol 47 u fol 48) illi l-konvenut tah x'jifhem illi l-kumpanija kienet tezisti u operanti. B'danakollu meta ghamel ir-ricerka tieghu sab li dan ma kienx hekk il-kaz u fil-fatt ma giet registrata l-ebda socjeta' bl-isem "International Project Development Company Ltd.", kif hekk ukoll konfermat mix-xhud Joseph Farrugia, Senior Desk Officer Registry of Companies (fol 49).

Sahansitra wara li involva lill-Pulizija l-konvenut ivvintalhom storja li hu kien utilizza l-flus biex jixtri computer ghall-uzu ta' progett separat li kien jinteressa biss lill-attur. Dan il-fatt ta' xi xiri ta' computer ghal dan l-uzu hu negat mill-attur.

Fuq dawn il-fatti u provi l-attur qed jiffonda l-ingann jew raggiri adoperati mill-konvenut fil-konfront tieghu. Huwa pacifiku illi r-ricerka jekk l-eghmil doluz kienx determinanti hi wahda ta' fatt u trid tigi ghalhekk meqjusa skond ic-cirkostanzi partikolari ta' kull kaz.

Issa kif jinghad mill-Imhallef Filippo Pullicino fid-decizjoni fl-ismijiet "**Negte Francesco Vella –vs- Negte Giuseppe Frixione et**", Prim'Awla tal-Qorti Civili, 6 ta' April 1875, il-ftehim "*non e' neanche' rescindibile per regola generale il contratto che fosse il risultato della inesperienza e spensieratezza di una delle parte e della scaltrezza dell'altra*". Dan hu hekk pero' sakemm ma jinstabx illi wahda mill-partijiet kontraenti tkun induciet lill-parti l-ohra b'raggiri frawdolenti, fl-liema kaz, dejjem skond il-precitata sentenza il-kuntratt "e' soggetto a rescissione".

Billi skond il-ligi l-eghmil doluz ma jistax ikun prezunt l-attur ghalhekk htieglu jipprova li l-konvenut uza "scienter" raggiri frawdolenti u artifizji li kienu wkoll gravi ("**Joseph Mifsud noe –vs- Paul Tanti**", Prim'Awla, Qorti civili, 4 ta' Frar 1965).

Fil-fehma tal-Qorti l-attur irnexxielu jiddemostra l-intenzjoni doluza fil-konvenut diretta biex taghmel hsara lill-attur bis-sottrazzjoni ta' flejjes ghal holqien ta' kumpanija fittizja u progett fazull. Kif rilevat fid-decizjoni a

**Vol XLII pI p126** "*wiehed mir-rekwiziti tar-raggir anzi dak li jikkaratterizzah, hija l-intenzjoni u l-volonta` diretta f'min jaghmlu li jikkaguna hsara lill-kontraent l-iehor*".

Il-Qorti del resto hi moralment konvinta, illi c-cirkostanzi li fihom gie konkjuz il-ftehim kien mahsub mill-konvenut biex jiccirkonventa l-buona fede tal-attur u biex iqarraq bih.

Gja fil-passat kien gie registrat minn dawn il-Qrati dan il-hsieb:-

"A*ttesoche non e' fuor di proposito notare che sebbene la stessa legge non riconosce presunzioni di dolo contrattuale, non le riconosce bensi come presunzioni legali, senza escludere con cioe' che il criterio morale di giudicanti si regoli sopra congetture prestanti ragionevoli presunzioni che concordate con fatti noti producono in anima loro la convinzione*." ("**Teresa moglie di Giuseppe Galea –vs- Salvatore Bonnici**", Prim'Awla, Qorti Civili, 25 ta' Ottubru 1884).

Ghal dawn il-motivi:-

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-kunsens tal-attur biex jippartecipa fi progett mal-konvenut gie ottenut b'ingann, qerq u dolo da parte tal-konvenut.

Konsegwentement tilqa' t-tieni talba u tiddikjara l-ftehim bhala null u li bl-akkoljiment tat-tielet talba l-istess ghandu jigi rexxiss.

Tilqa' finalment ir-raba' talba u tikkundanna lill-konvenut jirrifondi lura lill-attur kif mitlub is-somma ta' sebat elef disa' mija u hamsa u disghin lira Maltija (Lm7995), bl-interessi legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.

L-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

---------------------------------TMIEM---------------------------------